PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

28.9.2012

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0227/2012 imressqa minn Vladimir Hacek, ta' ċittadinanza Slovakka, dwar allegat ksur ta' standards Ewropej minn kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa fis-Slovakkja**

## 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant huwa tabib u jilmenta li l-kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa Slovakki ma jirrispettawx il-liġi tal-Unjoni Ewropea, jew tal-Kunsill Ewropew dwar il-prestazzjoni u t-tip ta' attività tagħhom. Il-petizzjonant jipprovdi numru ta' eżempji ta' dan, filwaqt li jenfasizza l-allegata applikazzjoni ħażina tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jiġi inkoraġġit titjib fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

## 2. Ammissibbiltà

Iddikjarata ammissibbli fil-21 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

## 3. **Risposta tal-Kummissjoni**, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

Il-petizzjonant huwa tabib, psikjatra, l-unika azzjonist u rappreżentant professjonali f'kumpanija b'responsabbiltà limitata li tipprovdi servizzi tas-saħħa fuq il-bażi ta' kuntratti ma' kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa li joperaw fir-Repubblika Slovakka.

Il-petizzjonant jilmenta dwar l-allegat nuqqas tar-Repubblika Slovakka biex tikkonforma mal-liġi tal-UE. Huwa jqis li l-leġiżlazzjoni nazzjonali – Artikolu 8 tal-Att Nru 581/2004 dwar l-assiguraturi tas-saħħa u s-superviżjoni fil-kura tas-saħħa u l-Att Nru 578/2004 dwar il-fornituri tal-kura tas-saħħa, ħaddiema tas-saħħa, organizzazzjonijiet professjonali fil-kura tas-saħħa jmorru kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod

partikolari l-Artikolu 16, l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 31 tagħha, kif ukoll il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, b'mod speċjali l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 14 u l-Artikolu 17, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat jew ix-Xogħol Obbligatorju (Nru 29) u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-petizzjonant jindika li l-Att nazzjonali dwar l-assiguraturi tas-saħħa, l-Artikolu 8, jistipula li l-assiguraturi tas-saħħa jħallsu lura biss "servizzi tal-kura tas-saħħa ordnati", jiġifieri volum predeterminat ta' servizzi tas-saħħa pprovduti fuq perjodu ta' żmien speċifikat. Għalhekk, hu mhuwiex intitolat li jitlob rimborż għal kura tas-saħħa li ġiet attwalment ipprovduta.

Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' ċarezza u konsistenza dwar it-tipi ta' servizzi tas-saħħa li huma soġġetti għal rimborż. L-assiguraturi tas-saħħa huma liberi, fil-fehma tal-petizzjonant, li jinterpretaw l-leġiżlazzjoni eżistenti bl-aktar mod xieraq għalihom. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda arbitru indipendenti fil-livell ta' awtorità statali li jkollu d-dritt li jirrevedi u jevalwa kif l-assiguraturi japplikaw il-liġi nazzjonali fir-rigward ta' servizzi tas-saħħa li jitħallsu lura.

Il-petizzjonant iqis ukoll li l-liġi nazzjonali xxaqqleb ferm favur l-assiguraturi tas-saħħa fejn tippermettilhom li jimponu termini u kundizzjonijiet fil-kuntratti mal-fornituri tal-kura tas-saħħa.

Barra minn hekk, il-petizzjonant mhuwiex sodisfatt bil-fatt li r-rimborż għall-kura tas-saħħa li ġiet mogħtija issir fl-aħħar tax-xahar wara d-data tal-fattura. Minħabba dan, huwa ma jafx jekk huwa diġà laħaqx il-limitu ta' servizzi tas-saħħa ordnati minn qabel f'xahar partikolari, u għalhekk jeħtieġ li jissospendi l-attivitajiet tiegħu biex jevita l-piż ta' kura tas-saħħa mingħajr kumpens.

Il-petizzjonant jilmenta wkoll dwar l-obbligu stabbilit fl-Att dwar l-assiguraturi tas-saħħa biex jiżguraw sostituzzjoni temporanja matul l-assenza tiegħu (jiġifieri vaganzi) u l-multa rispettiva għal nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu. Huwa jsibha diffiċli biex jikkonforma ma' dan ir-rekwiżit għax matul l-assenza tiegħu huwa jkollu jħallas il-paga għal tabib li jkun issostitwih kif ukoll ikompli jħallas spejjeż relatati ma' attivitajiet tal-kura tas-saħħa oħra (kera, spejjeż komunali, paga lill-infermier, eċċ).

Il-petizzjonant jispjega li f'każ li ħadd ma jkun lest li jissostitwih, huwa mġiegħel jaħdem 250 jum fis-sena mingħajr id-dritt għal-liv imħallas, bi ksur tad-drittijiet tiegħu għall-mistrieħ, rikreazzjoni u l-limitazzjoni tal-ħin tax-xogħol tiegħu.

Fil-fehma tal-petizzjonant, dan jammonta għal xogħol furzat iddikjarat illegali mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat.

Fl-aħħar nett, il-petizzjonant iqis li hu jikkwalifika kemm bħala impjegatur u impjegat peress li hu l-unika persuna f'kumpanija b'responsabbiltà limitata. Għalhekk, huwa għandu l-obbligu li jiżgura d-drittijiet tiegħu rigward is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol kif stabbiliti fid-Direttiva 89/391/KEE, b'mod partikolari l-prevenzjoni tar-riskji relatati max-xogħol, u fid-Direttiva 2003/88/KE dwar il-ħin tax-xogħol. Madankollu, hu mhuwiex f'pożizzjoni li

jagħmel dan peress li hu soġġett għal piżijiet fiżiċi, mentali u sensorji fuq ix-xogħol u l-limiti tal-ħin tax-xogħol tiegħu qed jinqabżu. Għalhekk, huwa jallega li l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE, li jgħid li d-Direttiva tapplika għas-setturi kollha ta' attività, mhijiex inkorporata fil-liġi nazzjonali b'tali mod li tapplika wkoll għall-ħidma fil-kura tas-saħħa.

Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni
Sa fejn is-sistema ta' assigurazzjoni tas-saħħa tas-Slovakkja hija kkonċernata, ta' min jinnota li l-liġi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà soċjali tipprovdi għall-koordinazzjoni u mhux l-armonizzazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali. Dan ifisser li kull Stat Membru huwa liberu li jiddetermina d-dettalji tas-sistema tiegħu tal-assigurazzjoni soċjali, inkluż x'benefiċċji se jiġu pprovduti, il-kundizzjonijiet ta' eleġibilità, kif dawn il-benefiċċji jiġu kkalkolati u l-ammont tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas. Il-liġi tal-UE dwar il-koordinazzjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 883/2004, tintervjeni sabiex tiżgura li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti ma taffettwax ħażin il-persuni li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea.

Peress li l-petizzjoni tirreferi esklużivament għas-sistema tal-kura tas-saħħa fis-Slovakkja, ir-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali ma japplikawx għall-kwistjonijiet li hemm ilmenti dwarhom u li għandhom x'jaqsmu ma' din is-sistema nazzjonali. Dawn il-kwistjonijiet jaqgħu biss taħt il-kompetenza nazzjonali u għandhom jiġu solvuti fil-livell nazzjonali, skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali applikabbli.

Fir-rigward tal-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa u l-kura tas-saħħa, l-Artikolu 168(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li "*ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri jinkludu l-ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika, kif ukoll l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom.*" L-istess dispożizzjoni tirrikjedi wkoll li "*l-azzjoni tal-Unjoni tirrispetta r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni tal-politika tas-saħħa tagħhom, kif ukoll l-organizzazzjoni u l-għoti ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura medika.*"

Sa fejn il-petizzjonant jilmenta li hu mhuwiex f'pożizzjoni li jiżgura d-drittijiet tiegħu għall-kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa, ta' min jinnota li l-leġiżlazzjoni tal-UE għas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol timmira li tikseb "*titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol*" kif iddikjarat fid-Direttiva Qafas 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (Artikolu 1(1)).

Din id-Direttiva tiddefinixxi ħaddiem bħala "*kwalunkwe persuna impjegata minn min iħaddem, inklużi dawk li jkunu għaddejjin minn taħriġ u apprentisti iżda li jeskludi sefturi fid-djar*" (Artikolu 3(a)).

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-karatteristika essenzjali ta' relazzjoni ta' impjieg hija l-fatt li matul ċertu perjodu ta' żmien, persuna twettaq servizzi għal persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, li għalihom hija tirċievi rimunerazzjoni (14 ta' Ottubru 2010 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-Każ C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, paragrafu 28 u l-ġurisprudenza mniżżla fiha).
Għalhekk, persuni li jaħdmu għal rashom, li xogħlhom mhux soġġett għal xi relazzjoni ta' impjieg ma' min iħaddem, mhumiex, ħlief għal xi eċċezzjonijiet limitati fejn persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jipperikolaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, koperti mid-direttivi tal-UE li jittrattaw is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

Il-petizzjonant jispjega li huwa l-uniku azzjonist u rappreżentant professjonali fil-kumpanija b'responsabbiltà limitata, huwa jopera bħala entità legali u għalhekk huwa impjegatur li jimpjega lilu nnifsu. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi u minħabba dak li għadu kif intqal, jidher li x-xogħol tal-petizzjonant mhuwiex soġġett għal relazzjoni ta' impjieg u għalhekk hu mhuwiex kopert mid-definizzjoni ta' "ħaddiem". Minn dan jirriżulta li l-leġiżlazzjoni tal-UE għas-saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol , inklużi d-Direttivi 89/391//KEE u 2003/88/KE, mhumiex applikabbli għall-petizzjonant fir-rigward tal-kwistjonijiet li dwarhom ilmenta għax dawn id-Direttivi huma applikabbli biss għall-ħaddiema.

Jekk il-petizzjonant jitqies taħt il-liġi nazzjonali kemm bħala impjegatur u impjegat li għalih tapplika l-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol fir-Repubblika Slovakka, bħala impjegatur kieku jkun obbligat li jirrispetta r-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà u bħala impjegat ikollu d-drittijiet għall-kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u tajbin għas-saħħa. Kwistjonijiet bħal dawn jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali.

Fir-rigward tal-ilmenti dwar ir-remunerazzjoni, ta' min jinnota li l-paga mhijiex koperta mil-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE. Artikolu 153 (5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara: " *Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu la japplikaw għall-pagi. ..".* Din il-kwistjoni hija għalhekk f'idejn il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali.

Sa fejn il-ksur tad-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 16 - il-libertà tal-intrapriża, l-Artikolu 21(1) nondiskriminazzjoni u l-Artikolu 31 - kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol, huma allegati, huwa rilevanti li tipprovdi l-ispjegazzjonijiet li ġejjin dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 51 tal-Karta, id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi tal-Unjoni jew ma tistabbilixxi l-ebda setgħa ġdida jew kompitu għall-poteri tal-Unjoni jew timmodifika l-poteri u l-kompiti kif definit fit-trattati. Kif intqal hawn fuq, ġie stabbilit li l-kwistjonijiet allegati ma jaqgħux fl-ambitu tal-liġi tal-UE li jagħmlu l-Karta applikabbli.

Fir-rigward tal-allegat ksur tad-drittijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat jew Xogħol Obbligatorju u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, dawn l-istrumenti legali internazzjonali ma jkunux adottati fil-qafas tal-UE u għalhekk kwistjonijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tagħhom ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni.

Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni ma tistax tintervjeni fil-każ tal-petizzjonant għaliex il-kwistjonijiet li sar ilment dwarhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-liġi nazzjonali. Jekk il-petizzjonant iqis li d-drittijiet tiegħu ġew miksura, huwa jista' jressaq il-każ tiegħu quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-qrati, li għandhom il-kapaċità li jivvalutaw sewwa l-kawża b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli u l-obbligi internazzjonali tar-Repubblika Slovakka.